# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Fl-Atti tar-Rikors Nru.: 1119/2017 MH**

**Illum 27 ta' Mejju, 2022**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Onbrand Contact Limited (C68088)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors promotur tal-Kummissarju tat-Taxxi** fejn premetta illi:

*Jesponi bir-rispett:*

*Illi d-Direttiva tal-Kunsill Nru. 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-Assistenza Reciproka ghall-Irkupru ta' talbiet relatati ma' Taxxi, Dazji u Mizuri Ohra hija implimentata u suggetta ghall-ligi ta' Malta permezz ta' l-Ordni tal-2012 dwar l-Assistenza Reciproka ghall-Irkupru ta' Talbiet li ghandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Mizuri Ohra (Avviz Legali Nru. 153 tas-sena 2012);*

*Illi bis-sahha ta' din l-Ordni u ta' din id-Direttiva, l-Kummissarju tat-Taxxi f'isem il-Ministeru tal-Finanzi, bhala l-Awtorita' kompetenti f'Malta, hu moghti l-poter sabiex meta jkun hemm talba valida minn Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea hu jkun jista' jigbor it-taxxa dovuta lil dak l-Istat Membru meta tali persuna li ghandha dak id-dejn tkun tinsab f'Malta;*

*Illi skond l-istess Ordni u Direttiva tali talba minn Stat Membru tigi ttrattata bhallikieku din kienet talba dwar dejn civili dovut lil Gvern ta' Malta u li l-awtorita' kompetenti f'Malta tkun awtorizzata kif imiss li tigbor;*

*Illi s-socjeta' intimata giet indikata mill-awtorita' kompetenti Taljana, membru ta' l-Unjoni Ewropea, bhala persuna li ghandha kont ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-ammont ta' sitt mija sebgha u hamsin elf, mija u wiehed u erbghin Ewro u dsatax-il centezmu (€657,141.19), u dan kif jirrizulta mill-istrument anness ma' dan ir-rikors bhala Dok. A, flimkien ma' l-imghaxijiet skond il-ligijiet ta' Malta, dovuti mis-socjeta' intimata mid-data tan-notifika ta' dan ir-rikors sad-data tal-pagament effettiv;*

*Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba gew imharsa l-htigijiet kollha relevanti tad-Direttiva hawn fuq imsemmija;*

*Illi s-socjeta' intimata hi socjeta' Maltija u ghalhekk ghandha presenza u indirizz f'Malta u ghalhekk ir-rikorrent ghandu d-dritt li jigbor minghandha l-ammont totali hawn fuq imsemmi f'isem l-awtorita' kompetenti tal-pajjiz membru ta' l-Unjoni Ewropea hawn fuq imsemmi;*

*Illi skond l-Ordni u d-Direttiva hawn fuq imsemmija din il-Qorti hija moghtija l-poter u l-obbligu li tirregistra d-dokumenti annessi ma' dan ir-rikors u dawk id-dokumenti ghandhom, malli jsir dan, jikkostitwixxu titolu ezekuttiv, kif ukoll li tinnotifika lis-socjeta' intimata b'dan ir-rikors u bid-dokumenti mieghu annessi.*

*Ghaldaqstant, l-esponent, skond il-poteri lilu moghtija ai termini tad-Direttiva hawn fuq imsemmija, jitlob bir-rispett lil din il-Qorti joghgobha, fl-ewwel lok tordna r-registrazzjoni tad-dokument anness ma' dan ir-rikors bhala kopja*

*ufficjali taghha biex b'hekk l-istess dokument jikkostitwixxi titolu ezekuttiv u fit-tieni lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors u tad-dokument mieghu anness jigu notifikati lis-socjeta' intimata skond id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bhallikieku dan ir-rikors u dan id-dokument kienu att gudizzjarju.*

Rat **ir-risposta** oppositorja għal l-istess talba da parti ta' l-intimata soċjeta' Onbrand Contract Limited.[1]

*Tesponi riverentement:-*

*1. Illi, preliminarjament, it-talba kontenuta fir-rikors promutur għandha tiġi miċħuda u dana stante illi r-rikjesta hija nulla u bla effett u dana stante illi ma saritx skond il-provvedimenti tar-Regolament 9(1) tal-Avviż Legali 153 tas-sena 2012 u senjatament l-Ordni tal-2012 dwar l-Assistenza Reċiproka ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra in kwantu it-talba għall-irkupru ma saritx bl-użu tal-Formola illi tinsab fir-Raba' Skeda tal-imsemmi l-Avviż Legali, iżda saret biss bl-użu tal-Istrument Uniformi li Jippermetti l-Infurzar kontenut fil-Ħames Skeda. Filwaqt illi l-Ħames Skeda kellha tabilħaqq tintuża, din ma setgħetx tintuża weħidha iżda kellha tintuża kontestwalment mal-artikolu kontenut fil-Ħames Skeda.*

*2. Illi, inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-istess talba kif saret ma tikkontjeni l-ebda informazzjoni jew, tabilħaqq, dokumentazzjoni illi tista' tagħti tassisti lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tasal għall-konklużjoni dwar jekk tabilħaqq l-ammont pretiż mill-Istati Applikant huwiex dovut jew le. Tabilħaqq, anke fid-dawl tan-nuqqas tal-formola tar-raba' Skeda, huwa ferm diffiċli għas-soċjeta' esponenti tidentifika jekk tabilħaqq is-somom pretiżi minnha humiex dovuti jew le u kwindi l-istess talba kontenuta fir-rikors promutur għandha tiġi michuda minn din l-Onorabbli Qorti stante illi ma tikkontjenix informazzjoni suffiċjenti illi tista' twassal għal deċiżjoni dwar l-eżistenza o meno ta' titolu illi fuqu tista' tiġi msejsa rikjesta ta' rkupru ai termini tal-imsemmi Avviż Legali.*

*3. Aktar, u mingħajr preġuddizzju għas-suespost, is-soċjeta' esponenti, qabel ir-ridomiċiljazzjoni tagħha lejn Malta, kienet fil-kors ta' pjan ta' pagament fejn kienet ukoll qegħda tagħmel ħlasijiet rateali lill-awtoritajiet Taljani. F' dan is-sens, allura, ma jeżisti l-ebda titolu eżekuttiv a favur tal-awtoritajiet Taljani. Tabilħaqq, mid-dokument anness mar-rikors promutur, lanqas ma huwa*

[1] Folio 39

*rikonoxxut illi kien intlaħaq tali ftehim jew, tabilħaqq, illi tali ftehim qatt daħal fis-seħħ bejn il-partijiet kontendenti u dana minkejja l-eżistenza inekwivokabbli ta' tali ftehim, u dana kif sejjer jiġi ippruvat aktar 'il quddiem. Kwindi, ma jeżisti ebda titolu eżekuttiv illi jimmerita jew, tabilħaqq, illi jista' jsejjes talba għal irkupru fis-sens tal-Avviż Legali fuq imsemmi u kwindi din l-Onorabbli Qorti, jiġi umilment rilevat, għandha tiċħad it-talba kontenuta fir-rikors promutur anke fuq il-bażi ta' din ir-raġuni.*

*4. Illi fi kwalunkwe kaz, is-somma pretiża m'hiex dovuta mis-soċjeta' esponenti.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat l-atti kollha ta' din il-proċedura, semgħet it-trattazzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din it-talba hija waħda li tistrieħ fuq ir-regolament numru 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu, 2010 kif trasportat fir-regime tal-liġijiet domestiċi nostrali permezz ta' l-avviż legali numru 153/2012 u l-leġislazzjoni sussidjarja 460.08

Rat lis-soċjeta' tilqa' għal dawn it-talbiet in kwanti tattaka l-istess fuq bażi proċedurali ukoll għax tippremetti xi tip ta' pjan dwar ħlas ukoll ħlas raetali għal dak dovut.

Tqies  li din it-talba hija waħda fejn ġie mitlub lilha *"... fl-ewwel lok tordna r-registrazzjoni tad-dokument anness ma' dan ir-rikors bħala kopja uffi1ċjali tagħha biex b'hekk l-istess dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv u fit-tieni lok tordna  li kopja ta' dan ir-rikors u tad-dokumenti miegħu annessi jiġu notifikati lis-soċjeta intimata skont id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, bħalikieku dan ir-rikors u dan id-dokument kieneu att ġudizzjarju."* u dan dejjem fi ħdan ta' dak premess fil-liġi sussidjarja imsemmija li tirrifletti l-iskop u l-implementazzjoni tad-direttiva imsemmija bl-għan u skop ta' kollaborazzjoni u għajnuna bejn stati membri għal ġbir tad-dovut fiskali.

Rat id-digriet tagħha fejn ordnat li jiġu notifikati r-rikors promotur ukoll id-dokumenti miegħu annessi u appuntat l-istess għas-smiegħ. [2]

Rat il-provi miġjuba, għandu jingħad **biss** da parti tar-rikorrenti. Rat ukoll kif jirriżulta mill-atti, wara li l-atti promotorji damu żmien konsiderevoli biex jiġu notifikati, kienet dehret l-avukat difensur tas-soċjeta' intimata u tat ruħha notifikata għal-istess.[3]

*Qua* provi u biex jiġu ribattuti l-eċċezzjonijiet mressqa, ir-rikorrenti ressaq ix-xhieda ta' Dr. Manfred Barbara li xehed dwar l'hekk imsejjaħ UIPE 5, Uniform Instrument Permiting Enforcement of Claims. Spjega li Malta bħala membru ta' l-Unjoni tista tiġi mitluba li tiġbor taxxi ta' Stati membri oħra. Spejga dwar din il-formolarju annessa mal-leġislazzjoni nostrana[4] ġia riferuta bħala Skeda 5. Qal li dan jiġi riċevut mill-pajjiż rikjedenti u ma jistax jiġi mibdul. Ukoll li dan skont l-istess regolament jikkostitwixxi titolu eżekuttiv. F'dan il-każ ġie riċevut mill-pajjiż ta' l-Italja.

Mistoqsi jekk mill-pajjiż rikjedenti, l-Italja, ġiex riċevut x'emendi għal istess talba, allura kienx hemm bdil fl-ammont ta' taxxa dovut, wieġeb fin-negattiv.

Mistoqsi jekk kienx hemm nullita' in kwantu ma kienx hemm *request* , u dan in vista ta' l-ewwel eċċezzjoni, wieġeb illi kien biżżejjed l'hekk imsejjaħ l-UIPE li fih innifsu kien titolu eżekuttiv. Pero' għadda biex esebixxa id-debita *request* bħala Dok MB[5].

Spjega ukoll illi f'dan l-istrument UIPE hemm spjegata it-taxxi dovuti u l-identifikazzjoni tal-parti li mingħandha huma dovuti t-taxxi pendenti.

In kontro eżami fiehem li ma kienx id-dipartiment tat-taxxi lokali li kien prepara id-dokument in kwistjoni imma dawn jkunu mibgħuta mill-Istat membru rikjedenti. Baqa' insistenti li hu qatt ma seta' joltera l'hekk imsejjaħ UIPE li kien dokument *read only*. Spjega ukoll id-differenza bejn ir-*request* li kient tidher mar-raba' skeda u l-ħames skeda, ċioe' l-UIPE, dak li kien it-titolu eżekuttiv u kif isir l-użu ta' l-istess.

---

[2] Folio 7
[3] Folio 38
[4] L.S..460.08
[5] Folio 49

**Kif ingħad nonostante l-eċċezzjonijiet mressqa, in partikolari dawk fuq il-mertu li kien hemm xi kors ta' pjan ta' pagament fejn kienu qed isiru pagamenti rateali mall-awtoritajiet Taljani konċernati, ma ngabet ebda prova.**

Ikkunsidrat ulterjorment,

Fl-ewwel lok irid jiġi preċisat illi jirriżulta kemm mill-artikolu 2 tad-Direttiva 2010/24UE u l-konsegwenti imsemmija leġislazzjoni sussidjarja 460.08, preċisament ir-regolament 3 ta' l-istess, illi dan l-arranġament reċiproku bejn l-Istat membri jinvolvi ġbir ta' kull tip ta' taxxa jew dazju, ukoll kull piena amministrattiva multa jew imgħax.

Ta' rilevanza hawn dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fi provvediment li ddispona minn rikors simili fl-ismijiet **Kummisarju tat-Taxxi vs Ricardo Diaz Y Fernandez**[6] li jwaqqgħu l-eċċezzjonijiet kollha mressqa fil-konfront ta' din it-talba odjerna; intqal li;

*"Tajjeb li wieħed iqis ukoll li l-**artikolu 14** tad-**Direttiva 2010/24** u l-**artikolu 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08** ma jippermettux li tiġi kkontestata l-legalità tad-deċiżjoni tal-awtorità applikanti quddiem il-qrati tal-awtorità rikjesta. Skont l-**artikolu 14(1) tad-Direttiva 2010/24** u l-**artikolu 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08**, kull kontestazzjoni tal-istrument uniformi mimli minn awtorità kompetenti tal-istat applikant għandha titressaq quddiem il-qrati kompetenti ta' dak l-istat u mhux quddiem il-qrati tal-istat membru rikjest (ara **Il-Kummissarju tat-Taxxi v. Lottoland Limited** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' April, 2021);*

*27. L-uniċi sitwazzjonijiet fejn l-awtorità rikjesta tista' tirrifjuta jew joqgħod lura milli tgħin lill-awtorità applikanta f'talba għall-irkupru ta' talba f'Malta, huwa fejn ikun hemm waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-**artikoli 9(4)** u **13 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08**;*

*28. Dawn is-sitwazzjonijiet ta' rifjut ta' assistenza huma:*
*(i) fejn it-talba jew l-Istrument Li Jippermettu l-Infurzar tagħhom ikunu ġew ikkontestati fl-Istat Membru applikant u l-awtorità applikanti ma tkunx speċifikament talbet l-irkupru tat-talba kontestata jew parti minnha;*

[6] Deċiża 4/03/2022; rikors 1055/2021

*(ii) fejn l-awtorità applikanti ma tkunx inqdiet bir-rimedji proċedurali kollha li jkunu jeżistu fl-Istat Membru tagħha. F'każ bħal dan però, l-awtorità applikanti xorta waħda tista' tressaq talba għall-ġbir tat-taxxa, minkejja illi hi ma tkunx użat ir-rimedji nazzjonali kollha, jekk jintwera: (a) li d-debitur m'għandux attiv fl-istat membru applikant, (b) jekk l-attiv tad-debitur ma jkunx biżżejjed biex jagħmel tajjeb għat-talba b'mod sħiħ, (ċ) jekk l-awtorità applikanti tkun ġiet infurmata li d-debitur għandu attiv f'Malta, jew (d) jekk l-użu tal-proċeduri nazzjonali jwassal għal diffikultajiet sproporzjonati;*

*(iii) fejn l-irkupru tat-talba, fir-rigward tas-sitwazzjoni tad-debitur, toħloq diffikultajiet ekonomiċi jew soċjali serji fl-Istat Membru rikjest;*

*(iv) fejn it-talba għall-assistenza tkun dwar taxxa dovuta fl-Istat Membru applikant ħames snin qabel id-data tat-talba inizjali; u*

*(v) fejn it-talba tkun dwar taxxa taħt l-€1,500;*

*29. Fil-kawża* ***C-34/17,*** *fl-ismijiet* ***Eamonn Donnellan v. The Revenue Commissioners*** *deċiża fis-26 t'April, 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fuq talba għal deċiżjoni preliminari skont l-****artikolu 267 TFUE****, imressqa mill-Qorti Għolja tal-Irlanda, tenniet li hija ġurisprudenza miżmuma li l-limitazzjonijiet tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka għandhom jiġu interpretati b'mod dejjaq ħafna. F'din l-istess sentenza però ġie miżmum illi,*

*«L-****Artikolu 14(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE*** *tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi dazji u miżuri oħra, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa ma jipprekludix li awtorita' ta' Stat Membru tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' talba għal irkupru dwar talba relatata ma' sanzjoni pekunjarja imposta fi Stat Membru ieħor, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, minħabba li d-deċiżjoni li timponi din is-sanzjoni ma tkunx ġiet debitament innotifikata lill-persuna kkonċernata qabel ma tkun saret it-talba għal irkupru lill-imsemmija awtorita' skont din id-direttiva.»*

*30. Ifisser allura, li sakemm ma jirriżultawx dawk is-sitwazzjonijiet ta' rifjut ta' assistenza msemmija fil-liġi u sakemm ma jirriżultawx xi sitwazzjonijiet li jmorru kontra l-ordni pubbliku tal-pajjiż fejn qiegħda ssir it-talba għall-ġbir tat-taxxa (bħal pereżempju nuqqas ta' notifika tad-debitur, kif imsemmi f'din il-kawża ta'* ***Donnellan****), bħala regola ġenerali, jekk l-istrument uniformi jimtela kif għandu jkun, dan għandu jwassal għar-reġistrazzjoni tiegħu. Ara f'dan is-sens* ***Il-Kummissarju tat-Taxxi v. Sascha Clemens Labudda*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-*

*Qorti Ċivili fit-13 ta' Lulju, 2018,* ***Il-Kummissarju tat-Taxxi v. Millennium Arrow Ltd*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 2020,* ***Kummissarju tat-Taxxi v. Jonathan Driscoll*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Lulju, 2019,* ***Kummissarju tat-Taxxi v. Roy Iwaniec*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Marzu, 2020 u* ***Kummissarju tat-Taxxi v. Oberdan Chimenti*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Frar, 2022;"*

Magħmula din il-referenza ġurisprudenzjali[7], din il-Qorti tara l'ebda mill-eċċezzjoni mressqa m'għandha mis-sewwa. Tqies ukoll li s-soċjeta' konvenuta mogħtija żmien tressaq il-provi tagħha naqset li tagħmel dan.

Konsegwentement, il-Qorti wara li eżaminat l'hekk imsejjaħ UIPE esebit u rat li hu konformi ma dak mitlub mid-direttiva 2010/24UE, strument li kien ġia għadda mill-iskrutinju tal-Kummissarju tat-Taxxi kif xehed Manfred Barbara, qegħda tilqa' t-talbiet tal-Kummissarju tat-Taxxi u tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument anness mar-rikors promotur bħala kopja uffiċjali ta' l-istess biex b'hekk l-istess dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv u tordna ukoll li kopja ta' dan ir-rikors u tad-dokumenti miegħu annessi jiġu notifikati lis-soċjeta' intimata u dan wara li rat l-artikoli 9(6) u (7) tal-leġislazzjoni sussidjarja 460.08.

**Bl-ispejjeż għas-soċjeta' intimata in kwantu kien in-nuqqas t'adempjenza tagħha in konformita' mal-leġislazzjonijiet fiskali li waslu għal dawn il-proċeduri.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**

[7] Ta' interess ukoll dak li tkompli tgħid din id-deċiżjoni dwar l-eżegwibilta' ta' l-istrument mibgħut u fejn u biss għandu jiġi kkontestat. Ara fir-rigwar paragrafi 31 sa 35 ta' l-istess